

**Brussell, 13 ta' Lulju 2022
(OR. en)**

**11329/22
ADD 1**

**ENV 745
MAR 146
RECH 441
RELEX 1010
ONU 103**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 342 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal ftehim internazzjonali dwar it-tniġġis mill-plastik

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 342 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2022) 342 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.7.2022
COM(2022) 342 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal ftehim internazzjonali
dwar it-tniġġis mill-plastik**

ANNEX

DIRETTIVI TAN-NEGOZJATI TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI DWAR IT-TNIĠĠIS MILL-PLASTIK

- (1) Fil-qafas tal-proċess intergovernattiv stabbilit fir-Riżoluzzjoni 5/14 adottata mill-Ħames Sessjoni tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA), li tipprovdi forum ta' negozjar globalment inklużiv, il-Kummissjoni ser timmira li tinneogzja ftehim internazzjonali dwar it-tniġġis mill-plastik¹ (minn hawn' il quddiem, il-“Ftehim dwar il-Plastik”).
- (2) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, għandha tagħmel hilita biex tikseb eżitu nnegozjat komprensiv, li jiġbor fih l-oġettivi u l-prinċipji deskritti hawn taħt.
- (3) Il-Ftehim dwar il-Plastik se jistabbilixxi approċċi legalment vinkolanti u mhux vinkolanti għall-Partijiet tiegħu biex inaqqsu t-tniġġis mill-plastik u jżidu s-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità ġenerali tal-plastik minn perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja. Il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-ftehim internazzjonali previst għadu mhux magħruf, iżda l-mandat għall-Kumitat Intergovernattiv tan-Negozjar jenfasizza li jenħtieġ li jinkludi miżuri matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-plastik, inkluż id-disinn, il-produzzjoni, il-konsum u l-ġestjoni tal-iskart tal-plastik, u inkluża l-ġenerazzjoni tal-materja prima sekondarja.
- (4) L-obbligi, inkluż fil-preambolu tal-Ftehim dwar il-Plastik, jenħtieġ li jkunu inkwadrati minn sensiela ta' oġettivi ġenerali, prinċipji u fejn xieraq, miri biex jissaħħu l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli u ċirkolari u l-ġestjoni tal-iskart tal-plastik sabiex l-ekosistemi terrestri u tal-baħar jiġu protetti, restawrati u jiġi promoss l-użu sostenibbli tagħhom, sabiex l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli għall-iżvilupp sostenibbli, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-plastik, kif ukoll sabiex jiġu żgurati xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni, inklużi livelli sostenibbli ta' produzzjoni u ta' konsum tal-plastik u l-projbizzjoni jew l-eliminazzjoni gradwali ta' materjali u prodotti fejn xieraq. Il-prinċipji jenħtieġ li jinkludu:
 - Ir-rikonoxximent tad-disinn għaċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà bħala l-bażi biex jiġi evitat l-iskart u jiġu żgurati prodotti tal-plastik dejjiema/durabbli li jistgħu jerġgħu jintużaw u/jew jiġu riċiklati faċilment fi prodotti ta' kwalità għolja (pereżempju, it-trawwim tal-inklużjoni tal-plastik riċiklat fi prodotti ġodda);
 - Enfasi fuq it-tipi ta' plastik li huma responsabbli għall-maġġoranza tal-ġenerazzjoni tal-iskart u t-tniġġis (inkluż it-tniġġis tal-baħar) u li potenzjalment jistgħu jiġu sostitwiti bi prodotti aktar durabbli u sostenibbli, bi prodotti b'impatt ambjentali aktar baxx jew b'materjali oħrajn (fejn l-impatti taċ-ċiklu tal-ħajja ikunu aktar baxxi);
 - L-eliminazzjoni ta' komposti u addittivi fil-plastik li jikkompromettu s-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tiegħu, inkluż plastik ossodegradabbli u addittivi perikolużi (bħal sustanzi bbażati fuq iċ-ċomb u l-kadmju, ritardanti tal-fjammi, ftalati, PFAS);

¹ Dan l-isem jindika ftehim skont it-tifsira tal-Artikolu 2.1(a) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati u huwa mingħajr preġudizzju għall-isem li jagħżlu fl-aħħar mill-aħħar il-firmatarji tal-ftehim, eż. konvenzjoni, trattat jew ftehim.

- Attenzjoni partikolari lill-effetti tal-mikroplastiki, li huma emessi direttament f'forma li hija bijodisponibbli għall-organiżmi u li ma jistgħux jitneħħew ladarba jkunu fl-ambjent, u l-bżonn li tiġi eliminata l-applikazzjoni intenzjonata tal-mikroplastiki f'diversi prodotti fejn hemm alternattivi disponibbli, u li jiġi indirizzat ir-rilaxx mhux intenzjonat tal-mikroplastiki;
- Ir-rikonoxximent tal-bżonn li jiġu żgurati l-ġestjoni ċirkolari xierqa u l-benefiċċji ambjentali ġenerali ta' l-plastiks b'bażi bijoloġika u bijodegradabbli, minkejja li jirrappreżentaw biss perċentwal żgħir tal-plastik fis-suq globali;
- L-importanza ċentrali tal-ġbir separat tal-iskart tal-plastik bħala mezz biex il-ġestjoni tal-iskart ambjentalment korrett, inkluż ir-riċiklaġġ, issir vijabbli, u biex tittejjeb il-ġestjoni ġenerali tal-iskart f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart;
- Ir-rikonoxximent li s-soċjetà (permezz tal-kontribwenti tat-taxxi) u l-ambjent ma għandhomx iħallsu l-kostijiet esterni tal-ġestjoni tal-iskart, tal-ġbir tal-iskart u tat-tniġġis tal-plastik, u li jenħtieġ li jiġu applikati skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex jiġi żgurat li dawn il-kostijiet jiġġarrbu minn dawk li jqiegħdu l-plastik jew il-prodotti li fihom il-plastik fis-suq;
- L-implimentazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, b'użu itwal, użu mill-ġdid u prevenzjoni tal-iskart bħala l-prijorità aħħarija, b'enfasi partikolari fuq il-miżuri għat-tnaqqis tal-iskart għall-prodotti ewlenin u fuq il-ġlieda kontra l-iskart, inkluż fl-ambjent tal-baħar;
- Qbil li l-vjeġġi tal-iskart tal-plastik jenħtieġ li jirrikjedu impenn li l-pajjiż/installazzjoni ta' destinazzjoni jkun kapaċi jimmaniġġja, jipproċessa u jirriċikla l-iskart skont standards għoljin, bir-rispett tal-Ftehim ta' Basel fejn applikabbli.

L-oġġettivi jenħtieġ li jqisu: i) id-dritt għal ambjent nadif u b'saħħtu kif rikonoxxut mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, ii) is-solidarjetà internazzjonali, iii) il-kondiviżjoni f'waqtha ta' *data*, indikaturi, valutazzjonijiet u informazzjoni dwar il-prodotti u l-materjali, iv) monitoraġġ tal-progress, rappurtar u verifika adegwati u ssimplifikati fil-livelli nazzjonali/reġjonali u globali, v) l-iffaċilitar tar-riċerka, tal-valutazzjonijiet u tal-għarfien, u l-possibbiltà għall-pubbliku li jibbenefika minn informazzjoni vverifikata u f'waqtha, li jużaha u jifhimha, u vi) il-bżonn li jiġu indirizzati r-rabtiet mill-qrib bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u dik ambjentali. Jenħtieġ li l-prinċipju tal-ekwità jiġġwida l-ħidma, permezz ta' approċċi sensittivi għad-diżabbiltà u reattivi għal kwistjonijiet tal-ġeneru.

(5) Jenħtieġ ukoll li l-Ftehim dwar il-Plastik jinkludi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu:

- Il-qafas istituzzjonali;
- Regoli dwar it-tfassil tar-regoli fil-ġejjieni;
- Il-monitoraġġ, it-tqegħid tad-*data* għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, il-konformità u l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja: i) materja prima għall-produzzjoni tal-plastik; ii) il-manifattura tal-plastik u tal-prodotti tal-plastik, inkluż id-disinn; iii) il-konsum/l-użu tal-prodotti tal-plastik; iv) il-ġestjoni tal-iskart, l-iskart tal-plastik u t-tniġġis tal-mikroplastiki;
- L-obbligi u s-sjieda tal-pajjiżi kif ukoll approċċi ta' "gvern sħiħ"/transettorjali li jwasslu għal mobilizzazzjoni aħjar tal-kompetenzi u tar-riżorsi kollha kif ukoll koerenza fil-prevenzjoni tat-tniġġis tal-plastik, it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni

tal-iskart tal-plastik, bidla lejn konsum u produzzjoni sostenibbli u rispons fil-livelli globali, reġjonali, nazzjonali u komunitarji/lokali; u

- Appoġġ finanzjarju, assistenza teknika u bini ta' kapaċità mmirati lejn:
 - L-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim dwar il-Plastik u tal-impenji relatati u
 - It-titjib tal-mekkaniżmi nazzjonali u reġjonali għall-prevenzjoni, il-monitoraġġ, id-*data*, l-indikaturi, ir-rappurtar u l-verifika, it-tħejjija u r-rispons relatati mat-tniġġis tal-plastik (fosthom mekkaniżmi ta' koordinazzjoni interaġenzjali u intersettorjali);
 - Regoli dwar it-trattament tal-iskart tal-plastik permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri bħal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, li jpoġġu r-responsabbiltà fuq min iniġġes mhux biss fuq il-korpi pubbliċi jew l-istituzzjonijiet finanzjarji

marbuta b'mod inseparabbli mal-kategoriji ta' dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jew mal-effettività tal-Ftehim dwar il-Plastik fid-dawl tal-oġettivi ġenerali u tal-prinċipji tiegħu.

- (6) Jenħtieġ li l-Ftehim dwar il-Plastik jimmira li jistabbilixxi dispożizzjonijiet u impenji sostantivi speċjalment fl-oqsma ewlenin indikati hawn fuq, filwaqt li jwitti t-triq għal negozjati futuri, inkluż permezz ta' annessi u/jew protokolli. Id-dispożizzjonijiet legalment vinkolanti jistgħu jiġu kkomplementati b'dispożizzjonijiet mhux vinkolanti (bħal linji gwida, standards u dikjarazzjonijiet).
- (7) L-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni (ekonomika) reġjonali li lilhom l-Istati Membri tagħhom ttrasferew kompetenzi fi kwistjonijiet relatati mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim, jenħtieġ li jitħallew isiru partijiet tal-Ftehim dwar il-Plastik jew kwalunkwe wieħed mill-protokolli tiegħu. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-Ftehim futur dwar il-Plastik ikun fih dispożizzjonijiet xierqa, skont dawk ta' ftehimiet ambjentali multilaterali reċenti, li jippermettu lill-Unjoni ssir Parti Kontraenti għalih. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet ikkonċernati mhux governattivi rilevanti.
- (8) Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll perjodi tranżizzjonali għall-implimentazzjoni u appoġġ għall-implimentazzjoni relatat, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' pajjiżi b'introjtu inferjuri u medju inferjuri.
- (9) Il-Kummissjoni ser tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kumitat Intergovernattiv tan-Negozjar inkarigat mill-iżvilupp ta' Ftehim dwar il-Plastik, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni 5/14 tal-UNEA, u fi kwalunkwe korp preparatorju jew korp relatat.
- (10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel hilita biex tiżgura li l-Ftehim dwar il-Plastik ikun konsistenti mal-leġiżlazzjoni u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra.
- (11) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tmexxi n-negozjati f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni fis-seħħ.